MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 24 ta’ Mejju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Spiteri)**

**vs**

**AB**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **AB** talli f’dawn il-Gzejjer, f’xi zminijiet bejn ix-xahar ta’ Marzu tas-sena 2016 u t-23 ta’ Mejju tas-sena, 2016:

1. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil ommu CD u lil huh minuri EF il-bizgha li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta’ taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta’ Kap 9 - Art 251B (1) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Akkuzat ukoll talli ikkaguna lil EF offiza ta’ natura hafifa hekk kif iccertifikatu Dr. Janica Debono M.D. - Art 221 (1) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Akkuzat ukoll talli insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil CD - Art. 339 (1) (e) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-provediment tal-Artiklu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mahruga mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. datata nhar il-11 ta' Gunju, 2015.

5. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas li josserva xi kundizzjoni mposta fid-digriet mahrug mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija - Art 579 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` ta' CD u ta' EF kif ukoll tal-familjari taghhom.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li tohrog Ordni ta' Trattament ai termini tal-artiklu 412 (D) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal tal-Probation Saviour Lia;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati;

Illi mix-xhieda tal-ufficjal tal-Probation Saviour Lia jirrizulta illi l-imputat ilu ghal dawn l-ahhar snin ikollu problemi socjali u gie mressaq il-Qorti diversi drabi. Fil-fatt l-istess ufficjal qieghed prezentement isegwih fuq ordni ta’ probation mahruga fl-2015. Ix-xhud spjega illi l-imputat kellu trobbija mhux facli u bhalissa qieghed taht *care order* pero’ peress li diversi istituzzjonijiet sabu problema bl-imgieba tieghu huwa rega’ spicca fir-residenza ta’ ommu fejn sehh l-incident li wasslu biex jigi arrestat u mressaq quddiem din il-Qorti. Ix-xhud spjega li jekk l-imputat jikkopera jista’ jitfassal pjan biex jigi mghejjun iqum fuq saqajh, anke peress li l-imputat qieghed jabbuza mid-droga sintetika. Hu jispjega pero` li peress li m'hemmx struttura li tospita zghazagh minorreni fir-rigward tal-problema tad-droga, l-Agenzija Sedqa qieghdha tikkunsidra l-kaz tal-imputat biex tigi esplorata l-possibilita` li jiddahhal f’xi struttura minn tal-Agenzija biex jigi mghejjun. Illi ghalhekk huwa importanti li l-imputat ikun f’ambjent kontrollat biex il-professjonisti jkunu jistghu jahdmu mieghu.

Illi ai fini ta’ piena l-Qorti evalwat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wkoll rat il-fedina penali tieghu li ghal guvni ta’ sittax-il sena hija diga wahda kemmxejn kulurita. Minkejja l-ammissjoni bikrija tieghu, u l-fatt li l-ghadu minorenni, il-Qorti hija xorta tal-opinjoni illi l-imputat ghandu jinghata piena ta’ prigunerija effettiva stante li bil-mod kif gie trattat s’issa minn dawn il-Qrati, u cioe` b’ordnijiet ta’ probation, dawn ftit li xejn kellhom success biex jghinu lill-imputat ibiddel ir-rotta li qabad. Ghalhekk hija l-umli fehma ta’ din il-Qorti, kif anke suggerit mill-probation officer Saviour Lia, li l-imputat jehtieg li jkun f’ambjent kontrollat biex ikun jista’ jigi mghejjun bl-ahjar mod possibbli.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 221 (1), 251B (1), 339 (1) (e) u 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **AB** hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u wkoll issib lill-imputat hati li naqas milli jhares il-kundizzjoni imposta fid-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tat-12 ta’ Frar 2016, u cioe` l-kundizzjoni li ma jikkommettix delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, u filwaqt li tiddikjarah bhala recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, qieghdha **tikkundannah ghal piena komplessiva tlett (3) xhur prigunerija.**

Il-Qorti tordna r-ri-arrest tal-imputat u tordna li s-somma ta' elfejn ewro (€2000) bhala garanzija personali li biha ghamel tajjeb ghall-helsien mill-arrest fit-12 ta' Frar 2016 tigi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti qieghdha wkoll tohrog Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' CD u EF ghal zmien tlett (3) snin mil-lum u dan taht il-kundizzjonijiet stiplulati fid-digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza, liema digriet jifforma parti integrali minnha.

Fl-ahharnett, il-Qorti qieghdha taghzel li ma titrattax mal-imputat ghall-ksur tal-ordni ta' Probation datata 11 ta' Gunju 2015 peress li mid-deposizzjoni tal-ufficjal tal-Probation Saviour Lia jirrizulta illi fuq din l-ordni ta' probation saret denunzja mill-istess ufficjal li ghadha qieghdha tinstema' minn din il-Qorti diversament presjeduta.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**